# LIL RUŻAR TA' QALBI

*Ta'* ĠORĠ PISANI

Rużar ta' qalbi, jekk hemm post fil-ġenna
fejn jgħammru ferħanin l-anġli tal-għana
postok hu hemm, talli bl-oħla benna
kantajt l-isbaħ għanjiet ta' l-Ilsien tagħna.

Bħalek ma għanna ħadd; ġo fik moħbija
kien hemm kuluri kbar minsuġin sewwa,
kien hemm miġra ta' daqq u t'armonija,
kien hemm xmara ta' dawl ta' ferħ u ħlewwa.

Bħalek ma jgħanni ħadd; is-seħer tiegħek
ma jintlaħaqx, ma jintiritx mill-bqija,
u ġewwa l-qabar jibqa' nieżel miegħek
għax lilek tatu biss il-Poeżija.

Rużar ta' qalbi, mbierka dik il-vina
li tatna ġmiel etern, mużka divina.

NOTA: L-aħħar tifkira li għandi tal-Poeta Rużar Briffa huwa ktieb tal-Poeżiji tiegħu li bagħatli hu stess awtografat b'dawn il-kelmiet: "Lil Ġorġ ta' qalbi". Għalhekk ħassejt illi dan is-sunett, miktub ftit wara l-mewt tiegħu, kelli nsemmih ukoll: "Lil Rużar ta' Qalbi".

G.P.

ROYAL UNIVERSITY OF MALTA
MELITENSIA
MAIN LIBRARY